MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru 1273/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

vs

**FRANCIS AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francis Agius ta’ 40 sena, iben Louis u Helen nee’ Mallia, mwieled Tal-Pieta’, nhar it-18 ta’ Settembru, 1969, u residenti gewwa 19, Sta. Tereza, Triq il-Qarsajja, H’Attard, detentur tal-Karta ta’ l-Identita Maltija bin-numru 389869(M)

U billi gie akkuzat fid-dar matrimonjali f'19, 'Sta. Tereza', Triq il-Qarsajja, H'Attard, nhar id-9 t'Ottubru 2008 ghal-habta tal-05.20am u fix-xhur ta qabel;

1. b'diversi atti maghmulin b'rezuluzzjoni wahda wettaq stupru vjolent fuq martu Sonia (Mary Assunta) Agius (ID: 0402174M);

2. U aktar talli fid-dar matrimonjali f'19, Sta. Tereza, Triq il-Qarsajja, H'Attard, nhar id-9 t'Ottubru 2008 ghal-habta tal-05.20am hebb ghal martu Sonia (Mary Assunta) Agius (ID: 0402174M) u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. J. Busuttil mill-iSptar Mater Dei;

3. U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil martu Sonia (Mary Assunta) Agius (ID: 0402174M) tibza li ser tintuza vjolenza kontriha;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum ix-xhud Sonia (Mary Assunta) Agius presenti fl-Awla iddikjarat li hija mart l-imputat u li hija qeghda tahfer lill-imputat dwar l-akkadut u

konsegwentement talbet li l-Qorti tezentaha milli tixhed f’din il-kawza.

Innutat li l-Prosekuzzjoni ma opponitx it-talba, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti u ezentat lix-xhud Sonia (Mary Assunta) Agius milli tixhed f’din il-kawza.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-Artikoli 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Francis Agius, fuq ammissjoni, hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, il-fedina penali minima tal-imputat u li fis-Seduta tallum ix-xhud Sonia (Mary Assunta) Agius iddikjarat li hija mart l-imputat u li hija qeghda tahfer lill-imputat dwar l-akkadut, tillibera lill-imputat Francis Agius taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Francis Agius, peress illi fil-fehma tal-Qorti minn ezami tal-provi migjuba jirrizulta li tali akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati, ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat Francis Agius minn dawn l-imsemmija zewg akkuzi.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Francis Agius b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Sonia (Mary Assunta) Agius ghal zmien sena millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Francis Agius sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro u erba’ centezmi ta’ Euro (Euro 233.04) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina tal-espert Dr. Mario Scerri fl-inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala dok RB 1.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------